KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 412 (8-40)

It-Tnejn 30t'Awissu 2021. Is-Seduta bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija minħabba li ma kienx hemm kworum.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal għal laqgħa fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**412.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit.

**412.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 411. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**412.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

411.3.4 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Annabel Vassallo. Is-Sindku wieġeb li talab *timeframe* lil IM u qed jistenna risposta.

**412.2.2** 411.3.6 Il-Kunsillier Julian Borg propona li kull ċertu żmien ikun haw servizz ta' mechanical sweeping f'toroq arterjali speċjalment fejn jgħaddu t-trakkijiet tal-barrieri. Is-Sindku qal li l-laqgħa li kellha ssir mas-Segretarju Parlamentari kienet ġiet ikkanċellata minn naħa tagħhom għal data 'il quddiem. Huwa qal li dan ser ikun wieħed mill-punti li ser jiġu diskussi. Huwa qal li qed nistennew li jiġi iffirmat MOU mad-Dipartiment għal aktar għajnuna bħal ma sar f'lokalitajiet oħra.

**412.2.3** 411.4.3 Il-Kunsillier Julian Borg talab aġġornament tal-proposti tat-traffiku ta' Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġakbu u oħrajn. Is-Sindku qal li l-proposti ser jiġu preżentati fis-Seduta li jmiss. Il-Kunsillier Borg qal li din hija t-tielet Seduta li qed jagħmel l-istess mistoqsija u jkollu l-istess risposta. Is-Sindku qal li l-pjan finali mistenni jkun lest f'Settembru.

**412.2.4** 411.15.3 Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal dan il-punt u qal li hu dispost li jagħmel laqgħa fil-post din il-ġimgħa mas-Sindku biex tiġi stabbilita l-aħjar pożizzjoni għaż-żebra crossing fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u anka fi Triq Sta Margerita.

**412.2.5** 411.5 Is-Sindku qal li l-punti mqajma mill-Kunsilliera dwar il-proġett ġew imressqa lil INDIS għal kjarifika u ġew imwieġba. Huwa qal li qed jiġi imħejji l-MOU biex jitressaq fis-Seduta li jmiss għad-diskussjoni.

**412.2.6** 411.3.2 Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mar-residenti Cutajar u l-Avukat tagħhom biex jiġu diskussa l-proposti u l-pjanta emendata.

**412.2.7** 411.3.3 Is-Sindku qal li l-Perit għadu qed jistenna laqgħa mas-Sovrintendenza Patrimonju Malti biex ikun jista' jitkompla x-xogħol. Huwa qal li minħabba dan id-dewmien ix-xogħol waqa' lura minn kif previst. Is-Sindku qal li rċieva proposta mill-Grupp tal-Armar biex ikun jista' jintrama pavaljun fuq il-parti t'isfel tal-pedestall. Huwa qal li ser tiġi mistħarrġa din il-possibilta' mal-Perit biex ma ssir l-ebda ħsara u possibilment jintużaw toqob eżistenti.

**412.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**412.3.1** Proġett Komunitarju Ramija

Is-Sindku qal li intalab aġġornament tal-proġett komunitarju fi Triq Ramija lil The Malta Foundation for the Wellbeing of Society  Huwa qal li rrispondew li qed jistennew mill-Ministeru tal-Infrastruttura qabel ikunu jistgħu jipproċedu.

**412.3.2** Restawr ta' statwi

Is-Sindku qal li nġabru kwotazzjonijiet għal xogħol ta' tindif tal-istatwi tar-Ruħ u tad-Duluri, u x-xogħol previst li jibda fil-jiem li ġejjin.  Huwa qal li malli jitlestew, inkunu nistgħu nipproċedu għal żewġ statwi oħra.

**412.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**412.5 Ingaġġ ta' Community Works Manager mal-Kunsill (skond Direttiva No 02/2021)**

Is-Sindku irrefera għal Direttiva 2/2021, li qed tobbliga l-ingaġġ ta' Contracts (Community Works) Manager.

Is-Sindku qal li l-irwol kif tispeċifika d-direttiva *"huwa t-tieni l-iktar rwol importanti fit-tmexxija amministrattiva tal-Kunsill wara s-Segretarju Eżekuttiv.  Huwa mistenni jissorvelja l-attivitajiet ta' diversi xogħolijiet li jiġu eżegwiti fil-lokalita', fosthom il-manutenzjoni u ż-żamma ġenerali tal-lokalita', inluż l-immaniġjar effettiv tal-aspetti kollha tal-ġbir tal-iskart u l-indafa fil-lokalita'.*

*Taħt is-superviżjoni tas-SE, il-CM jirrevedi, iħejji d-dokumenti tal-akkwist (Tender) u joħroġ it-talbiet għal proposti għas-sejħiet għall-offerti.*

*Il-CM imbgħad jissorvelja u jiċċertifika x-xogħolijiet magħmula.  Il-CM għandu jkollu għarfien maniġerjali u ħiliet biex ikun jista jieħu deċiżjonijiet fil-pront.*

*Ir-rwol tal-CM hu rwol importanti għax jassigura li x-xogħol kollu mqabbad mill-Kunsill jkun qed isir bl-għola standards kif għandu jservi ta' għajnuna kbira lis-SE u lill-Kunsill b'mod ġenerali sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti."*

Is-Sindku qal li dan ir-rwol huwa bżonjuż mill-iktar fis, anka peress li s-SE mhux possibbli li tlaħħaq kemm max-xogħol tal-Uffiċċju u anka ta' barra weħidha.  Huwa konxju li haw problemi mal-kuntratturi u l-ħaddiema u li hemm bżonn superviżjoni kontinwa fuqhom. Għalhekk jipproponi li l-Kunsill japprova li l-proċess għall-impjieg jibda immedjatament.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit saqsiet jekk dan hux ser ikun fuq impjieg jew b'tender.  Is-Sindku qal li dan is-servizz huwa rikjest fil-ħinijiet tal-Uffiċċju u allura ma jistax joffriħ persuna fil-ħin liberu.  Hu qal li bix-xogħol li haw u li dejjem jiżdied, ikun opportun li l-impjieg ikun full-time cioe ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa fil-ħinijiet tal-uffiċċju jew kif neċessarju.  Hija talbet fuq liema skala jkun u kemm sa tkun l-allokazzjoni għal dan l-impjieg.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Direttiva tispeċifika skala 11.

Is-Sindku talab li sas-Seduta li jmiss ikollna l-informazzjoni eżatt tal-allokazzjoni u terġa tiġi diskussa.

**412.6** **Ingaġġ ta' Clerk Scale 15**

Is-Sindku talab is-Segretarju Eżekuttiv tispjega l-andament tal-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li mil-lista mibgħuta minn Jobsplus, kienu applikaw tlettax-il persuna. Dawn ġew mibgħuta appuntament għal interview għat-30 t'Awissu. Sitta minnhom infurmaw l-Uffiċċju li m'għadhomx interessati u allura sebgħa kellhom jippreżentaw ruħhom għal interviews. Minkejja dan erbgħa biss attendew għal interviews. Wara li ġew intervistati mill-bord u mistoqsija dwar l-esperjenza ta' xogħol, passatempi, informazzjoni ġenerali fuq il-Kunsilli, u evalwati fuq punti oħra, ġie stabbilit mill-bord li ħadd minnhom ma kien tal-livell mixtieq. Għalhekk, il-bord qabel li l-proċess jgħaddi għal fażi li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lid-Dipartiment u l-Jobsplus b'dan biex jitkompla l-proċess.

Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

**412.7** **Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-Każin Banda San Nikola dwar il-proposta ta' nstallar ta' arbli**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Każin Banda San Nikola fejn ressaq id-diversi concerns li kellu l-Kunsill dwar il-proposta tal-arbli u qed jippreżenta abbożż ta' ftehim biex jiġi diskuss mill-Kunsill. Kopja tal-abbozz jinsab fil-file LCS26/2002.

Is-Sindku qal li sadanittant, ġiet riċevuta korrispondenza mill-Grupp tal-Armar b'referenza għal Minuti 407.3.3, fejn filwaqt li qed jgħidu li m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għall-armar ta' arbli mill-KBSN mar-roundabout tat-Tabib Nikola Zammit, iżda joġġezzjonaw għall-armar ta' arblu fit-tarf tar-raħal għal fatt li huwa post prominenti u għalhekk ma jaqblux li dan l-arblu jintrama minn għaqda mhux newtrali jew privata iżda li dan għandu jkun tal-Kunsill, minħabba l-prominenza tiegħu.

Is-Sindku qal li peress li prinċipalment l-armar jintrama mill-Grupp tal-Armar u biex jintlaħaq l-aħjar kompromess bejn l-għaqdiet, propona li ssir laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li għandu kunflitt ta' interess fil-proposta tal-KBSN u għalhekk ser joħroġ mid-diskussjoni, pero qabel xtaq jgħid li hu personalment ma jaqbilx mal-arblu fid-daħla tas-Siġġiewi minħabba periklu lis-sewwieqa. Huwa rrefera għall-abbozz tal-ftehim preżentat mil-KBSN u qal li ma jaqbilx ma' punti D2 li jekk ikun hemm diffikulta' għal kunsens fil-postijiet indikati, għandu jinstab post alternattiv, u punt 9, cioe li l-Kunsill jaqbel li m'għandu l-ebda diskrezzjoni fir-rigward tal-użu tal-arbli. Il-Kunsillier Sant ħareġ mill-kamra.

Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-abbozz tal-ftehim u qal li bħala aspett legali għandu jiġi riferit għand l-avukat tal-Kunsill. Huwa propona wkoll li jsiru żewġ abbozzi separati għaż-żewġ siti. Il-Kunsillier Borg qal li hu ma' jaqbilx ma' punti D2, D3, D7, D10. Huwa qal li peress li kien issemma l-pjan minn IM ta' proġett ta' *traffic management* ġdid fil-bidu tas-Siġġiewi fejn propost l-arblu, jaqbel li peress li huwa post prominenti għandha ssir opra xierqa għad-daħla tar-raħal mill-Kunsill u mhux minn għaqda jew każin.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hi ma taqbilx ma' punti D2, 6 u 10 li huma kontradittorji u punt 14.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li filwaqt li jaqbel mal-proposta tal-arbli fl-ewwel sit, ma jaqbilx mat-tieni sit cioe d-daħla tas-Siġġiewi. Huwa propona li jinstab post alternattiv, eżempju fil-bidu ta' Triq Salvu Borg Olivier, minħabba periklu lis-sewwieqa.

Is-Sindku qal li peress li hemm qbil għall-armar tal-arbli mar-roundabout tat-Tabib Nikola Zammit, u, wara li l-punti kollha li ssemmew għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni u jintbagħtu lil-Għaqda KBSN, jiġi rivedut il-ftehim bl-osservazzjonijiet u ssir konsultazzjoni mal-avukat tal-Kunsill għal lat legali.

**412.8 Preżentazzjoni ta' proġetti u ħidma in ġenerali b'konnessjoni mad-dekasteri ta' kull Kunsillier imwettqa f'dawn l-aħħar sitt xhur**

Peress li inqata' d-dawl elettriku, is-Sindku propona li din il-materja tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss u mmexxu għal punti li jmiss fuq l-aġenda.

**412.9 Approvazzjoni ta' Financial Statements (end of year 2020)**

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega tal-Financial Statements għas-sena tal-għeluq 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat in-nefqiet prinċipali u l-bilanċi kif jidhru fir-rapport. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**412.10 Approvazzjoni għat-tiġdid tal-bilanċ tal-VL tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2021 (Art.3.1.5.u 3.1.9)**

Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex il-bilanċ ta' 108 siegħa vacation leave tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2021, li ma ġewx utilizzati minħabba impenji tax-xogħol jiġi mġedded għas-sena 2022. Il-Viċi Sindku issekondat. Il-Kunsill unanimament approva it-tiġdid tal-bilanċ għas-sena d-dieħla.

**412.11 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'applikazzjoni PA5437/21 u allura ma setax jikkummenta.

Inġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA/05773/21 *"Land, Triq ta' Ghar Lapsi, Siggiewi - Proposed reconstruction of residential unit and construction of 0.6m side random rubble walls and 1.2m rubble wall delineating street boundary. Olive trees are also proposed."* Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill diġa kien oġġezzjona għal applikazzjoni simili (PA3458/20) u talab aktar informazzjoni mill-Perit tal-Kunsill rigward policies.

Is-Sindku informa li s-submission għall-applikazzjoni PA/06015/19 "*Proposed lateral extension to existing quarry (excavation not to exceed level of 205 above MSL) Quarry No. 31, Ta` Dmejrek, Triq ta' Dmejrek c/w, Triq Panoramika, Siggiewi*" ġiet sottomessa mill-Perit Cacopardo f'isem il-Kunsill.

**412.12 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**412.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni għall-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi SPI/SCI/1/2021 ma ġietx milqugħa.

**412.12.3** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza biex jitpoġġa *hoarding* tul Triq l-Imdina tul ta' 50 metru u 1.94m 'il barra mill-ħajt eżistenti, biex isir *culvert*. Is-Sindku qal li l-permess qiegħed f'idejn TM u staqsew diversi kjarifiki dwar ix-xogħolijiet mitluba. Is-Sindku qal li qed jintalab ukoll *time-frame* għal dawn ix-xogħolijiet.

**412.12.4** Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-applikant għal permess ta' scaffolding fi Triq San Nikola u l-perit tagħhom, fejn ġew diskussi diversi alternattivi biex jinħoloq inkonvenjent mill-inqas kemm għat-traffiku u anka għar-residenti, l-applikant irriduċa ż-żmien li ser isir ix-xogħol minn erba' ġimgħat għal 10 ijiem. Qed inkomplu niddiskutu biex jitfassal l-aħjar pjan għat-traffiku anka peress li l-pjan propost mhux prattiku.

**412.12.5** Is-Sindku informa li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ġie mistieden jipparteċipa fil-proġett '*Eurosceptisism and the European Future'* f'Condro' Sqallija, ma' ħames pajjiżi oħra fosthom l-Italja, l-Estonja, Latvja, Ungerija u Slovakkja, bejn it-13 u t-18 ta' Settembru 2021. Huwa qal li d-delagazzjoni għandha tkun magħmula minn sitta fosthom is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk, stieden lil min hu interessat jipparteċipa biex jinfurma mill-ewwel lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli tkun tista' torganizza l-loġistika. L-ispejjeż tal-biljetti tal-ajru jitħallsu mill-Kunsill filwaqt li spejjeż oħra huma finanzjati mill proġett stess minn fondi tal-UE. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser ikun hemm bżonn xi mementos biex jingħataw lid-delagazzjonijiet l-oħra. Il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia urew ix-xewqa li jattendu.

**412.12.6** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mill-SPI dwar l-ingaġġ ta' steward għat-trattament xieraq tal-annimali. Hija qalet li l-proċess ta' ingaġġ ser isir mir-Reġjun.

**412.13** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**412.14** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**412.15** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**412.15.1** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li qed isir akkumular tal-boroz tal-iskart quddiem residenzi u garaxxijiet. Hu qal li nhar ta' Tnejn dawn jiġu akkumulati filgħodu kmieni u jibqgħu hemm sa wara nofsinhar u qed joħolqu inkonvenjent u frustrazzjoni kbira lir-residenti. Hu qal li qed ikun hemm akkumulu ta' boroż ukoll fi Triq San Nikola quddiem Ferdinand's Bar. Is-Sindku informa li innota li l-ilmenti dwar l-skart żdiedu u talab li tissejjaħ laqgħa mal-kuntrattur mill-iktar fis biex jiġu trattati dawn l-ilmenti.

**412.15.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li haw diversi bankini imkissra li jeħtiġilhom tiswija għax qegħdin ta' periklu. Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill m'għandux kuntratt tal-bankini, u talab li jinġiebu kwotazzjonijiet għal dawn it-tiswijiet.

**412.15.3** Il-Kunsillier Julian Borg talab il-pożizzjoni tal-Kunsill għat-talbiet tal-installar ta’ mirja kemm ġodda u anka biex jinbidlu dawk imkissra. Is-Sindku talab biex issir ġabra ta’ dawn it-talbiet u naraw x’hemm urġenti minnhom ħalli jitwaħħlu.

**412.15.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet is-sensiela ta’ tindif volontarju regolari li kien qed isir mill-grupp 7R. Hija qalet li filwaqt li dawn in-nies qed jgħamlu biċċa xogħol tajba ħafna, il-fatt li l-iskart li jinġabar jibqa’ mitluq mat-triq għal diversi ġranet qed jattira iktar rimi ta’ skart illegali. Hija qalet li tul dan il-weekend irċeviet ilmenti li ħdejn il-boroż li nġabru mill-*clean-up* żdiedu diversi boroż oħra. Qalet li ikun idejali li jsir koordinament biex dan l-iskart jinġabar mill-ewwel.

**412.15.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni tal-ħsarat li hemm fil-park ta’ Għar Lapsi. Hija qalet li l-ħadid u l-ħabel mad-dawra tal-monument inqala u qiegħed ta’ periklu.

**412.15.6** Il-Kunsillier Adrian Farrugia ġibed l-attenzjoni dwar it-trakkijiet tal-merkanzija li jinżlu jħottu fil-bajja ta’ Għar Lapsi fil-ħinijiet tan-nies. Huwa qal li qed nistennew li tiġri xi traġedja, u ssuġerixxa li jkun hemm ħinijiet limitati possibilment filgħodu kmieni qabel jaqa’ l-influss tan-nies.

**412.15.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet meta ser jeħlu l-*cats eyes* tul it-triq ta’ Għar Lapsi u t-toroq li jisporġu fiha. Is-Sindku qal li għad fadal ix-xogħol x’isir minn IM.

**412.15.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia tablet li jerġgħu jeħlu s-sinjali direzzjonali għal Girgenti li kien hemm Ta’ Brija u tneħħew waqt ix-xogħolijiet.

**412.15.9** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li jsir *traffic calming measure* fi Triq ta’ Bur ix-Xewk.

**412.15.10** Hija rrimarkat ukoll li qed tirċievi ilmenti dwar vetturi li jipparkjaw fit-tarf ta’ Triq ta’ Karlozzu lejn Triq Mons Mikiel Azzopardi u jgħalqu l-aċċess speċjalment bil-lejl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f’dan il-każ, ir-residenti għandhom iċemplu l-għassa tal-Pulizija dak il-ħin stess.

**412.15.11** Il-Kunsilliera Farrugia talbet *refreshing* tal-marki tat-traffiku fi Triq Sta. Margerita ma’ Triq Papa Pawlu Vi.

**412.15.12** Il-Kunsillier Kurstein Sant talab li jitwaħħal sinjali direzzjonali ‘Valletta’ fi Triq il-Girgenti ma’ Triq Blat il-Qamar.

**412.16** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.15 ta’ filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta’ Settembru 2021 fis-6.00 ta’ filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 27 ta’ Settembru 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv